MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-24 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 310/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ryan Zarb**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ryan Zarb ta' 26 sena bin Anthony u Grace nee' Cremona imwieled Pieta` fit-3 ta' Ottubru, 1981, u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 0546081M talli fl-20 ta' Settembru, 2008 ghal habta ta' l-10.00am gewwa l-ghassa ta' Hal Qormi hebb ghal Dorriane Buttigieg minn Hal Qormi u kkagunala griehi ta' natura hafifa skond ma ccertifika Dr M C Formosa M.D. Tal-Qormi Policlinic;

Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Ottubru, 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Ryan Zarb hati skond imputazzjoni dedotta

kontra tieghu u lliberatu taht id-dispozizzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sentejn, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 rabtitu b'obbligazzjoni personali ta' Ewro 232.94 li jzomm il-kwiet ma' Dorriane Buttigieg ghal zmien sena;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Ryan Zarb, minnu pprezentat fit-3 ta' Novembru, 2008, li permezz tieghu huwa talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza, semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-lum; ikkunsidrat:

Illi l-aggravju tal-appellant hu maghmul jikkonsisti filli l-ewwel qorti ma kellhiex provi sufficjenti quddiemha li abbazi taghhom setghet issibu hati skond l-imputazzjoni dedotta kontrieh. Din il-qorti ma taqbilx. Il-qorti wara li semghet il-provi u hadet konjizzjoni wkoll ta' l-affidavits u tac-certifikat mediku ma ssib ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellate, b'dan li l-perjodu kemm ta' sentejn ghal finijiet tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 kif ukoll il-perjodu ta' sena ghall-finijiet ta' l-artikolu 383 tal-Kap 9 jibdew jiddekorru mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------